MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 973/2009

**Paul Tonna Son of Santu Limited (C 11813)**
**vs**
**Paul Fenech**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Ottubru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta rikorrenti tiggestixxi negozju ta' diversi prodotti tal-hgieg, u bieghet u ikkonsenjat lill-intimat f'diversi okkazzjonijiet hgieg li komplessivament ghandu valur ta' tmintax il-elf tmien mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' Ewro (€ 18,890.37c), dankollu skond ma jirrizulta dettaljatament mill-*istatement of account* hawn anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont, izda ghalkemm dejjem ammetta u accetta

li l-ammont hawn reklamat hu dovut, baqa’ inadempjenti u ma hallasx, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Qed jigi anness id-Dokument B konsistenti f’affidavit ta’ Mario Tonna li jispjega dan kollu.

3. Illi safejn taf is-socjeta’ rikorrenti, l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra din it-talba.

Talbet ghalhekk li l-intimat ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara illi l-intimat hu debitur tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ tmintax il-elf tmien mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta’ Ewro (€ 18,890.37c) kif hawn fuq spjegat, u;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tmintax il-elf tmien mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta’ Ewro (€ 18,890.37c).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-10 ta’ Settembru 2009 u bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mid-data tal-konsenja tal-prodott skond id-Dokument A anness kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Mario Tonna u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi il-konvenut ma deherx meta ssejhet il-kawza u ghalhekk il-Qorti ipposponiet il-kawza ghas-sentenza;

Rat illi aktar tard deher id-difensur tal-konvenut Dr Raphael Fenech Adami u ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat, u talab, ghal kull buon fini illi jinghata terminu ghall-hlas;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fir-rikors gurament jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna Iill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma tat-tmintax l-elf tmien mija u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu ta' Ewro (€18,890.37c). Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------